# ID-DAWL

LULJU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 19



**“Tassew, Aħna Ħloqna lill-bniedem fl-aqwa għamla.”**

Il-Ħbiberija | L-Essenza tal-Umanità | Determinazzjoni | Kenn ta’ Paċi u Mħabba

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-ĦBIBERIJA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Illum id-dinja qed taffaċċja ħafna problemi bħall-faqar, l-injoranza, il-vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fost oħrajn, li kollha jeqirdu l-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp u l-armonija soċjali bejn il-popli. Biex wieħed jaffronta dawn il-kriżijiet u sfidi, il-kawżi ewlenin tagħhom iridu jiġu indirizzati billi wieħed jippromwovi u jiddefendi l-idea komuni ta' solidarjetà umana li tieħu ħafna suriet – l-aktar waħda sempliċi hija l-ħbiberija. U biex tħeġġeġ il-fehim reċiproku l-Ġnus Magħquda tiċċelebra l-'Jum Internazzjonali tal-Ħbiberija' fit-30 ta' Lulju ta' kull sena.

Il-ħbiberija hija rabta ta' fiduċja u relazzjoni ta' mħabba reċiproka, ġenerożità u rispett. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid: **"Hija l-karatteristika tal-fidili li dawn għandhom jaqsmu s-sofferenzi ta' xulxin, bħal meta wġigħ ta' ras jaffettwa l-ġisem kollu."**

Dan ifisser li l-ħbiberija hija relazzjoni fejn fiha persuna tagħti kas ta' kull naqra dwejjaq jew hena tal-ħabib jew ħabiba tagħha.

Ejja mela nippromwovu rabtiet ġenwini ta' ħbiberija bejn il-popli kollha biex naffrontaw b'mod effettiv il-problemi kbar li qed taffaċċja d-dinja llum il-ġurnata; u biex niżirgħu ż-żrieragħ tal-imħabba u l-fratellanza.

**ID-DAWL**
Lulju 2019 – Numru 19 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** Triff | Shutterstock

# DETERMINAZZJONI

Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **Tabilħaqq lil dawk li jgħidu: 'Sidna huwa Alla,' imbagħad iżommu fit-triq it-tajba b' determinazzjoni, l-anġli jinżlu fuqhom, u *jgħidulhom*: 'La tibżgħux u la titnikktux, u ħudu l-bxara t-tajba dwar il-Ġenna li kontu mwegħdin. Aħna l-ħbieb tagħkom f'din il-ħajja u fl-Oħra, u fiha jkollkom dak li jixtiequ rwieħkom, u hemmhekk ikollkom dak kollu li titolbu għalih — rigal mingħand Dak li huwa Kollu Maħfra u l-Aktar Ħanin.'** (41:31-33)

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jikteb:

> **Alla l-Eżaltat jafferma: U lil dawk li jħabirku għalina — Aħna żgur immexxuhom fit-toroq Tagħna.** [29:70]

Li tfisser, li dawk li jaħdmu għall-kawża Tagħna jkunu gwidati. Fi kliem ieħor, persuna trid tingħaqad mal-Messaġġier ta' Alla, u tistinka u taħdem f'din il-mogħdija flimkien miegħu. Mhux xieraq li xi ħadd li jaħdem għal Alla jaħrab wara siegħa jew tnejn. Fil-fatt, ix-xogħol ta' din il-persuna huwa li jkun dejjem lest li jagħti ħajtu. Għalhekk, l-aktar karatteristika importanti ta' persuna devota hija d-determinazzjoni. F'dan ir-rigward, Alla l-Eżaltat jistqarr:

> **Tabilħaqq lil dawk li jgħidu: 'Sidna huwa Alla,' u mbagħad jibqgħu determinati.** [41:31]

Jiġifieri, jgħidu li l-Mulej tagħhom huwa Alla, imbagħad juru determinazzjoni; u jwarrbu kollox ħalli jfittxu lil Alla. Fi kliem ieħor, is-suċċess jiddependi fuq id-determinazzjoni. U d-determinazzjoni hija li wieħed jagħraf lil Alla u jibqa' sod quddiem kull diffikultà, prova u tribulazzjoni. Jekk persuna tkun kapaċi tagħmel dan, tkun żgur reċipjent ta' komunjoni divina u titħaddet bħall-Profeti.[(i)]

---

(i) Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Malfużat* – Vol. 1, p. 23-24

# KWALITAJIET MORALI GĦOLJIN – L-ESSENZA TAL-UMANITÀ

"*Khulq* [morali] tfisser il-kwalitajiet ġewwiena li bis-saħħa tagħhom in-natura umana tiddistingwi ruħha kompletament mill-annimali. Għaldaqstant, il-kwalitajiet ġewwiena kollha li jippossjedi l-bniedem permezz tal-umanità tiegħu—u li jistgħu jiġu estratti mis-sigra tal-umanità, li tiddistingwi n-natura istintiva tal-bniedem mill-annimal—jissejħu *khulq*. Is-siġra tan-natura umana hija msejsa fuq il-bilanċ u l-moderazzjoni, u hija ħielsa mill-eċċessi jew defiċjenzi li jeżistu fil-fakultajiet tal-annimali. Alla Omnipotenti jenfasizza dan billi jgħid:

**Tassew, Aħna Ħloqna lill-bniedem fl-aqwa pjanijiet kreattivi.** (Il-Koran, 95:5)

Għal din ir-raġuni, il-kelma *khulq*, meta ma jkollhiex tifsira peġġorattiva, dejjem tfisser kwalitajiet morali għoljin. Dawn il-kwalitajiet morali għoljin, li huma l-essenza tal-umanità, jikkonsistu mill-kwalitajiet ġewwiena misjuba fil-bniedem, u jinkludu dawn li ġejjin:

**Ħsieb ċar, fehim mgħaġġel, safa tal-ħsibijiet, memorja u tfakkir akuti, kastità, modestà, sabar, kuntentizza, pjetà, biża' t'Alla, determinazzjoni għolja, perseveranza, ġustizzja, fiduċja, diskors ġenwin, ġenerożità f'waqtha, sagrifiċċju f'waqtu, benevolenza f'waqtha, benefiċjenza f'waqtha, qlubija f'waqtha, kuraġġ f'waqtu, ġentilezza f'waqtha, tolleranza f'waqtha, għadab f'waqtu, kortezija f'waqtha, rispett f'waqtu, kompassjoni f'waqtha, tieba f'waqtha, ħniena f'waqtha, biża' t'Allah, imħabba t'Allah, għożża għal Allah, irtirar [minn kollox] għal Allah, eċċ.**"(ii)

(ii) Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Ruhani Khazain*, Vol. 1, p. 194-195

# GĦOTJA TA' KOTBA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tat 175 ktieb tat-tfal lill-Iskola Sekondarja ta' Paris Birkirkara. Il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, l-Imam Laiq Ahmed Atif, ippreżenta l-kotba lill-Kap tal-Iskola, Sur Bernardo Riolo.







# L-OSPITALITÀ EŻEMPLARI

Abu Ħurairah[ra], dixxiplu tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], jirrakkonta li wieħed raġel avviċina lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u qallu: Għandi ġuħ kbir. Bagħat messaġġ lil waħda min-nisa tiegħu u din weġbitu: Għal Dak li bagħtek bis-Sewwa, m'għandi xejn ħlief ilma. Imbagħad bagħat messaġġ lil mara oħra u ġiet l-istess tweġiba. Wara bagħat messaġġ lil kull waħda minnhom iżda dejjem irċieva l-istess tweġiba.

Imbagħad staqsa: Min se jqis lil dan bħala l-mistieden tiegħu? Wieħed mid-dixxipli qal: Messaġġier t'Alla, ikun il-mistieden tiegħi. Għaldaqstant ħadu miegħu d-dar u qal lil martu: Għandek xi ħaġa għalih? Weġbitu: M'għandi xejn, ħlief xi ħaġa żgħira għat-tfal. Qalilha: Aljenahom b'xi ħaġa, u meta jsaqsuk għall-ikel, ħudhom jorqdu. U fl-aħħar, meta l-mistieden jibda jiekol, itfi d-dawl, u ġagħlu jħoss li anki aħna qed nieklu. B'hekk qagħdu bilqiegħda u l-mistieden kiel u huma ppretendew li qed jieklu wkoll u għaddew il-lejl bil-ġuħ mingħajr ebda ikel. Meta filgħodu ltaqa' mal-Qaddis Profeta, il-Profeta Muħammad[sa] qallu: Alla kien tassew sodisfatt b'dak kollu li għamilt mal-mistieden tiegħek ilbieraħ filgħaxija. *(Bokhari* u *Muslim)*

# KENN TA' PAĊI U MĦABBA



**Il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad huwa l-mexxej dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, maħtur fil-pożizzjoni tiegħu f'April tal-2003. Bħala l-aktar figura Musulmana promettenti fid-dinja li tippromwovi l-paċi u l-armonija interreliġjuża, il-Qdusija Tiegħu l-ħin kollu jenfasizza fuq il-valuri u l-prinċipji li jistgħu jsaħħu r-relazzjonijet bejn in-nies ta' twemmin differenti. Hawn taħt nippreżentaw parti mid-diskors tiegħu dwar il-paċi u l-armonija.**

"Jien fil-qosor se nelabora fuq dak li l-Koran Imqaddes jgħallimna dwar kif nistabbilixxu l-paċi fis-soċjetà u kif inħarsu d-drittijiet ta' xulxin. Aħna l-Aħmadin nippruvaw nassiguraw li aħna dejjem nimxu fuq dan it-tagħlim u naqsmuh ma' oħrajn sabiex id-dinja ssir kenn ta' paċi, imħabba u armonija.

Il-Musulmani ġew ordnati li jastjenu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù u s-sewwa. Dwar dan il-Koran jgħid:

> **"Intom l-aqwa nies imrobbijin għall-ġid tal-umanità. Intom ikkmandati li tagħmlu t-tajjeb u tipprojbixxu l-ħażen u temmnu f'Alla."** (3:111)

Għalhekk, il-bnedmin li jemmnu fil-Koran Imqaddes ġew mogħtija parir biex juru integrità fl-isforzi kollha tagħhom u jaħdmu biex jippromwovu t-tajjeb u s-sewwa fis-soċjetajiet tagħhom. Iżda qabel wieħed ikun jista' jagħti parir lill-oħrajn dwar dawn l-affarijiet, wieħed għandu jipprattika dak li jipprietka. Ma

tistax tagħti parir lill-oħrajn jekk int ma timxix mat-triq tas-sewwa int innifsek.

Kieku dawk in-nies kollha li jikklejmjaw li huma fit-triq tas-sewwa jimxu fuq dan il-prinċipju, allura l-parir tagħhom ikun effettiv; huma jiġu meqjusa bħala membri siewja tas-soċjetà. L-oħrajn ikunu jirrispettawhom, jagħtu importanza għal dak li jgħidu, u jobduhom la huma jifhmu li dan il-bniedem mhux qed jaddotta dan il-mod li jersaq lejk għall-ġid tiegħu biss iżda jersaq minn qalbu għall-ġid tal-oħrajn. Hu jeżerċita ġustizzja mill-akbar fit-trattamenti tiegħu mal-oħrajn u, meta jwissi lill-oħrajn biex jaħarbu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù, hu jistenna dan ukoll mill-għeżież tiegħu.

## L-IMĦABBA U L-ĦBIBERIJA

Kif għandna nsaħħu l-ġustizzja u nippromwovu l-paċi, l-imħabba u l-ħbiberija bejn l-aħwa fis-soċjetà? Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"U meta titkellmu osservaw il-ġustizzja, anki jekk il-persuna kkonċernata tkun tiġi minnek, u ssodisfa l-patt ta' Alla."** (6:153)

Il-ġustizzja teħtieġ li anke jekk ikollok tixhed kontra l-għeżież tiegħek, allura jkollok tagħmel hekk. Illum, meta nħarsu aktar fil-qrib madwarna, nosservaw li ħafna mit-tilwim u kawżi ta' nuqqas ta' ftehim fost il-bnedmin iseħħu għaliex ma tiġix applikata l-ġustizzja kif suppost.

Aħna naħsbu biss fl-interessi personali tagħna biex nakkwistaw xi ħaġa, jew f'dawk tal-għeżież tagħna, mingħajr ma nqisu l-fatt li nies oħra jistgħu jweġġgħu bl-azzjonijiet tagħna; u ladarba jinbtu l-kwistjonijiet ikun diffiċli ħafna biex neliminawhom.

# IR-RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-livell ta' ġustizzja li aħna mistennija nuru huwa mwassal ċar u tond b'dan il-kliem fil-Koran Imqaddes:

> **"O intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża t'Alla, agħtu xhieda b'sens ta' ġustizzja. U tħallux il-mibegħda tan-nies tinċitakom biex taġixxu b'mod ieħor minflok b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, jiġifieri aktar qrib is-sewwa. U ibżgħu minn Alla; tassew Alla jaf x'qegħdin tagħmlu."** (5:9)

Dan hu l-livell għoli ta' ġustizzja li għandu jiġi stabbilit fis-soċjetà. Biex inneħħu l-mibegħda u n-nuqqas ta' ftehim mid-dinja rridu nuru ġustizzja sa dak il-punt fejn il-mibegħda tan-nies ma ġġagħalniex naġixxu mod ieħor ħlief b'ġustizzja.

Meta Alla Omnipotenti jgħid li Hu Jaf Kollox u Jisma' Kollox, allura għall-bniedem bil-biża' ta' Alla f'qalbu, din hija ħaġa gravi, għaliex tista' faċilment tinganna lil xi ħadd iżda ma tistax tqarraq b'Alla. Tista' tmur kontra dak li tkun ftehimt man-nies u tqarraq bihom, iżda Alla jaf dak li hu evidenti u dak li hu moħbi f'qalbna. Għalhekk ma nistgħux nilagħbuha ta' bnedmin li moħħna jilħqilna quddiemU. Alla Omnipotenti kkmandana biex dejjem naġixxu b'ġustizzja, inżommu l-biża' ta' Alla f'moħħna, u biex dejjem nagħtu d-drittijiet li jappartjenu lil ħaddieħor bil-biża' ta' Alla f'qalbna. Meta tasal għal ftehim mal-għedewwa, agħmel hekk b'qalbek safja, u bl-iskop li tistabbilixxi l-ġustizzja fid-dinja. U min jemmen f'Alla għandu jiftakar li Alla qed jara dak kollu li nagħmlu. Dan it-tagħlim sabiħ jgħinna nwarrbu l-mibegħda mis-soċjetà."(iii)

(iii) It-tieni parti tal-indirizz mogħti fit-Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, fit-30 ta' Novembru 2008.

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**